Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 301

Volum 64

Edizzjoni bil-Malti Leġiżlazzjoni 25 ta' Awwissu 2021

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1399 tal-24 ta' Awwissu 2021 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi tal-iskleroti tal-ergotina u l-alkalojdi tal-ergotina f'ċerti oġġetti tal-ikel** ([1]) ... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1400 tal-24 ta' Awwissu 2021 li jiffissa r-rati tal-imgħax li jridu jintużaw biex jiġu kkalkulati l-kostijiet għall-finanzjament tal-miżuri ta' intervent, li jikkonsistu fix-xiri, il-ħżin u r-rimi tal-ħażniet għas-sena fiskali 2022 tal-FAEG** ... 6

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1399

tal-24 ta' Awwissu 2021

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi tal-iskleroti tal-ergotina u l-alkalojdi tal-ergotina f'ċerti oġġetti tal-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 ([2]) jistabbilixxi l-livelli massimi għal ċerti kontaminanti, inkluż l-iskleroti tal-ergotina u l-alkalojdi tal-ergotina, fl-oġġetti tal-ikel.

(2) It-terminu ergotina jew skleroti tal-ergotina jirreferi għall-istrutturi fungali mill-ispeċi *Claviceps* li jissostitwixxu l-ġewwieni fuq is-sbul jew iż-żerriegħa fuq l-għata tal-ħaxix, u huma viżibbli bħala skleroti kbar li tilfu l-kulur. Dawn l-iskleroti fihom klassijiet differenti ta' alkalojdi.

(3) Fit-28 ta' Ġunju 2012, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adottat opinjoni dwar l-alkalojdi tal-ergotina fl-ikel u fl-għalf ([3]). L-Awtorità bbażat il-valutazzjoni tar-riskju tagħha fuq l-alkalojdi tal-ergotina prinċipali *Claviceps purpurea*, jiġifieri l-ergometrina, l-ergotammina, l-ergokristina, l-ergokriptina, l-ergokornina, kif ukoll l-epimeri "-inina". Stabbiliet doża akuta ta' referenza ta' grupp ta' 1 µg/kg ta' piż tal-ġisem u doża tollerabbli ta' kuljum ta' grupp ta' 0,6 µg/kg ta' piż tal-ġisem kuljum. Ikkonkludiet li għalkemm id-*data* disponibbli ma indikat l-ebda raġuni għal tħassib għal kwalunkwe sottogrupp tal-popolazzjoni, l-istimi tal-esponiment djetetiku relatat ma' numru limitat ta' gruppi tal-ikel, u l-kontribuzzjoni mhux magħrufa possibbli minn ikel ieħor ma setgħux jiġu esklużi.

(4) Fis-6 ta' Lulju 2017, l-Awtorità ppubblikat rapport xjentifiku dwar l-esponiment djetetiku tal-bniedem u tal-annimali għall-alkalojdi tal-ergotina ([4]). Għal ċerti gruppi tal-popolazzjoni, l-istimi tal-esponiment għall-alkalojdi tal-ergotina jindikaw esponiment li jqarreb lejn id-doża tollerabbli ta' kuljum. Għall-ogħla stimi ta' esponiment, il-kontributuri ewlenin għall-esponiment djetetiku kroniku kienu tipi differenti ta' ħobż u bziezen, b'mod partikolari dawk li fihom is-segala jew magħmulin esklussivament minnha. L-ogħla stimi ta' esponiment akut jindikaw esponiment akut li jqarreb lejn id-doża akuta ta' referenza.

([1]) ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

([3]) Scientific Opinion on Ergot alkaloids in food and feed. EFSA Journal 2012;10(7):2798. [158 pp.] doi:10.2903/j.efsa.2012.2798.

([4]) Arcella, D., Gomez Ruiz, J-A., Innocenti, ML and Roldán, R., 2017. Scientific report on human and animal dietary exposure to ergot alkaloids. EFSA Journal 2017;15(7):4902, 53 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2017.4902.

(5) L-Awtorità eżaminat ukoll ir-relazzjoni bejn il-preżenza tal-isskleroti tal-ergotina u l-alkalojdi tal-ergotina. F'livelli ogħla, ġiet osservata relazzjoni lineari ta' sinifikanza statistika bejn il-kontenut tal-isskleroti u l-livelli tal-alkalojdi tal-ergotina. Madankollu, din ir-relazzjoni mhux dejjem setgħet tintwera f'livelli aktar baxxi, li jindika li n-nuqqas ta' skleroti ma jeskludix il-preżenza tal-alkalojdi tal-ergotina. Raġuni waħda hija li l-immaniġġar taċ-ċereali jkisser l-isskleroti, li jirriżulta fi trab tal-ergotina, li mbagħad jiġi assorbit mill-ħbub taċ-ċereali.

(6) Għalhekk, jixraq li jitbaxxa l-livell massimu għall-isskleroti tal-ergotina u jiġu stabbiliti livelli massimi għall-alkalojdi tal-ergotina f'dawk l-oġġetti tal-ikel b'livelli sinifikanti tat-tali alkalojdi, li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-esponiment tal-bniedem, u fl-oġġetti tal-ikel li huma rilevanti għall-esponiment tal-grupp vulnerabbli tal-popolazzjoni.

(7) Livelli aktar baxxi ta' skleroti tal-ergotina diġà jistgħu jinkisbu f'ħafna miċ-ċereali permezz tal-applikazzjoni ta' prattiki agrikoli tajbin u permezz tal-applikazzjoni ta' tekniki ta' separazzjoni u tindif. Għalhekk, jenħtieġ li l-livell massimu eżistenti għaċ-ċereali jitnaqqas bħala konsegwenza. F'dan ir-rigward, jixraq ukoll li jiġi ċċarat l-istadju li fih japplikaw il-livelli massimi għall-isskleroti tal-ergotina f'ċereali mhux ipproċessati sabiex jiġu eliminati l-problemi fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom.

(8) Fir-rigward tal-prodotti tat-tħin, jixraq li jiġu stabbiliti livelli massimi differenti għall-alkalojdi tal-ergotina skont l-ispeċi taċ-ċereali. Peress li s-segala hija l-ispeċi taċ-ċereali bl-ogħla riskju ta' kontaminazzjoni mill-isskleroti tal-ergotina, livelli aktar baxxi ta' alkalojdi tal-ergotina huma aktar diffiċli li jinkisbu u għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit livell massimu speċifiku għall-prodotti tat-tħin tas-segala, filwaqt li jenħtieġ li jiġi stabbilit livell aktar baxx għall-prodotti tat-tħin ta' ċereali oħrajn. Madankollu, fir-rigward tal-prodotti tat-tħin ta' ċereali oħrajn, jenħtieġ li jiġu stabbiliti livelli massimi differenti skont il-kontenut tal-irmied tal-prodotti sabiex jitqies il-fatt li l-prodotti li fihom aktar nuħħala (kontenut ogħla ta' rmied) għandhom livelli naturalment ogħla ta' alkalojdi tal-ergotina peress li t-trab tal-isskleroti tal-ergotina jiġi adsorbit f'nuħħala.

(9) Barra minn hekk, peress li mistenni li l-livelli ta' kontaminazzjoni miksuba se jkomplu jonqsu għal xi prodotti tat-tħin, jixraq li jiġi previst li livelli massimi aktar stretti jenħtieġ li japplikaw fi żmien medju għal dawk il-prodotti. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja l-progress lejn dawk il-livelli massimi aktar stretti u tivvaluta l-bidliet possibbli fil-livelli minħabba t-tibdil fil-prattiki agrikoli, kif ukoll fil-fatturi klimatiċi u ambjentali, l-Istati Membri u l-partijiet interessati jenħtieġ li jiġu mitluba jipprovdu d-*data* u l-informazzjoni meħtieġa.

(10) Minkejja l-applikazzjoni ta' prattiki tajbin, intwera li l-glutina tal-qamħ, bħala prodott sekondarju tal-proċess tat-tħin imxarrab, fiha livelli ogħla ta' alkalojdi tal-ergotina peress li l-konċentrat tal-alkalojdi tal-ergotina huwa konsegwenza tal-proċess tal-produzzjoni tagħha. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit livell massimu ogħla għall-alkaljodi tal-ergotina fil-glutina tal-qamħ.

(11) Minħabba t-tibdil fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), jenħtieġ li tiġi modifikata nota f'qiegħ il-paġna korrispondenti fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006.

(12) Sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jippreparaw għall-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda introdotti b'dan ir-Regolament, jixraq li jiġi previst żmien raġonevoli sakemm japplikaw il-livelli massimi u jiġi previst perjodu tranżitorju għall-oġġetti tal-ikel li tqiegħdu legalment fis-suq qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madankollu fir-rigward tas-segala, għalissa ma jistgħux jinkisbu livelli aktar baxxi ta' kontaminazzjoni mill-isskleroti tal-ergotina b'mod raġonevoli, u għalhekk jixraq li jingħata perjodu itwal biex tiġi permessa applikazzjoni aktar stretta ta' prattiki agrikoli tajbin u applikazzjoni ta' tekniki mtejba ta' separazzjoni u tindif.

(13) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 jiġi emendat skont dan.

(14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Sal-1 ta' Jannar 2023, l-Istati Membri u l-partijiet interessati għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni r-riżultati tal-investigazzjonijiet imwettqa u l-progress fir-rigward tal-applikazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni mill-iskleroti tal-ergotina u l-alkalojdi tal-ergotina fis-segala u l-prodotti tat-tħin tas-segala u l-alkalojdi tal-ergotina fil-prodotti tat-tħin tal-ħbub tax-xgħir, tal-qamħ, tal-farru u tal-ħafur.

L-Istati Membri u l-partijiet interessati għandhom jirrapportaw regolarment fil-bażi tad-*data* tal-EFSA, id-*data* tal-okkorrenza dwar l-iskleroti tal-ergotina u l-alkalojdi tal-ergotina fis-segala u l-prodotti tat-tħin tas-segala u dwar l-alkalojdi tal-ergotina fil-prodotti tat-tħin tal-ħbub tax-xgħir, tal-qamħ, tal-farru u tal-ħafur."

(2) L-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-oġġetti tal-ikel elenkati fl-Anness imqiegħda legalment fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2022, jistgħu jibqgħu fis-suq sad-data tad-durabbiltà minima jew sad-data tal-iskadenza tagħhom.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fit-taqsima 2, l-entrati “2.9 Skleroti tal-ergotina u alkalojdi tal-ergotina” huma sostitwiti b’dan li ġej:

Oġġetti tal-ikel (1)		Livell massimu
“2.9	**Skleroti tal-ergotina u alkalojdi tal-ergotina**	
2.9.1.	**Skleroti tal-ergotina**	
2.9.1.1.	Ċereali mhux ipproċessati(18) bl-eċċezzjoni — tal-qamħirrum, tas-segala u tar-ross	0,2 g/kg
2.9.1.2.	Segala mhux ipproċessata(18)	0,5 g/kg sat-30 ta’ Ġunju 2024 0,2 g/kg mill-1 ta’ Lulju 2024
2.9.2.	**Alkalojdi tal-ergotina** (*)	
2.9.2.1.	Prodotti tat-tħin tax-xgħir, tal-qamħ, tal-farru u tal-ħafur (b’kontenut ta’ rmied inqas minn 900 mg/100 g)	100 μg/kg 50 μg/kg mill-1 ta’ Lulju 2024
2.9.2.2.	Prodotti tat-tħin tax-xgħir, tal-qamħ, tal-farru u tal-ħafur (b’kontenut ta’ rmied daqs 900 mg/100 g jew ogħla) Ħbub tax-xgħir, tal-qamħ, tal-farru u tal-ħafur imqiegħda fis-suq għall-konsumatur finali	150 μg/kg
2.9.2.3.	Prodotti tat-tħin tas-segala Segala mqiegħda fis-suq għall-konsumatur finali	500 μg/kg sat-30 ta’ Ġunju 2024 250 μg/kg mill-1 ta’ Lulju 2024
2.9.2.4.	Glutina tal-qamħ	400 μg/kg
2.9.2.5.	Ikel ipproċessat abbażi ta’ ċereali għat-trabi u t-tfal żgħar (3) (29)	20 μg/kg

(*) Il-livell massimu għall-alkalojdi tal-ergotina jirreferi għas-somma inferjuri tat-12-il alkalojde tal-ergotina li ġejjin: ergokornina/ergokorninina; ergokristina/ergokristinina; ergokriptina/ergokriptinina (forma α- u β-); ergometrina/ergometrinina; ergosina/ergosinina; ergotammina/ergotaminina. Fis-somma inferjuri, il-kontribut ta’ kull epimer mhux kwantifikat huwa stabbilit għal żero.”

(2) In-nota f’qiegħ il-paġna 1 hija sostitwita b’dan li ġej:

“(1) Fir-rigward tal-frott, il-ħxejjex u ċ-ċereali, issir referenza għall-oġġetti tal-ikel elenkati fil-kategorija rilevanti kif definit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta’ residwu ta’ pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1). Dan ifisser, *inter alia*, li l-qamħ saraċin (*Fagopyrum* sp) huwa inkluż fiċ-‘ċereali’ u l-prodotti tal-qamħ saraċin huma inklużi fil-‘prodotti taċ-ċereali’. Il-ġewż tas-siġar mhumiex koperti mil-livell massimu għall-frott.”

(3) In-nota f’qiegħ il-paġna 18 hija sostitwita b’dan li ġej:

“(18) Il-livell massimu japplika għaċ-ċereali mhux ipproċessati mqiegħda fis-suq qabel l-ipproċessar tal-ewwel stadju. Fis-sistemi ta’ produzzjoni u proċessar integrati, il-livell massimu japplika fil-katina tal-produzzjoni fl-istadju qabel l-ipproċessar tal-ewwel stadju. Sistemi ta’ produzzjoni u pproċessar integrati tfisser sistemi fejn il-lottijiet kollha li deħlin jitnaddfu, jiġu sseparati u jiġu pproċessati fl-istess stabbiliment.

It-tnixxif u t-tindif, inkluż is-separazzjoni (separazzjoni skont il-kuluri fejn applikabbli) u l-għorik mhumiex meqjusa bħala 'proċessar tal-ewwel stadju' sakemm il-ħabba sħiħa tibqa' intatta.

L-għorik huwa t-tindif taċ-ċereali billi jiġu bbraxxjati jew jingħorku b'mod vigoruż, flimkien mat-tneħħija tat-trab (eż. aspirazzjoni).

F'każ li t-togħrik jiġi applikat fil-preżenza tal-iskleroti tal-ergotina, iċ-ċereali jridu l-ewwel jgħaddu minn pass ta' tindif qabel it-togħrik."

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1400

tal-24 ta' Awwissu 2021

li jiffissa r-rati tal-imgħax li jridu jintużaw biex jiġu kkalkulati l-kostijiet għall-finanzjament tal-miżuri ta' intervent, li jikkonsistu fix-xiri, il-ħżin u r-rimi tal-ħażniet għas-sena fiskali 2022 tal-FAEG

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) u (4) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 906/2014 ([2]) jistipula li n-nefqa relatata mal-kostijiet ta' finanzjament imġarrba mill-Istati Membri sabiex jimmobilizzaw fondi biex jixtru l-prodotti trid tiġi ddeterminata f'konformità mal-metodi stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(2) Il-punt I.1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 906/2014 jipprevedi li l-kostijiet ta' finanzjament ikkonċernati jridu jiġu kkalkulati abbażi ta' rata tal-imgħax uniformi għall-Unjoni ffissata mill-Kummissjoni fil-bidu ta' kull sena fiskali. Din ir-rata tal-imgħax tikkorrispondi għall-medja tar-rati bil-quddiem tal-Euribor għal terminu ta' tliet xhur u ta' 12-il xahar, irreġistrati matul il-perjodu ta' referenza ta' sitt xhur li jrid jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni, qabel in-notifika mingħand l-Istati Membri prevista fl-ewwel paragrafu tal-punt I.2 ta' dak l-Anness, b'koeffiċjent ta' korrezzjoni ta' terz u ta' żewġ terzi rispettivament.

(3) Biex jiġu ddeterminati r-rati tal-imgħax applikabbli għal sena fiskali partikolari, l-ewwel paragrafu tal-punt I.2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 906/2014 jipprevedi li l-Istati Membri jridu jinnotifikaw lill-Kummissjoni, meta titlob dan, bir-rata tal-imgħax medja mġarrba minnhom realment matul il-perjodu ta' referenza msemmi fil-punt I.1 ta' dak l-Anness, sa mhux iktar tard mid-data ta' skadenza msemmija f'dik it-talba.

(4) Barra minn hekk, f'konformità mat-tieni paragrafu tal-punt I.2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 906/2014, jekk Stat Membru ma jibgħat l-ebda notifika, fil-forma u sad-data ta' skadenza msemmijin fl-ewwel paragrafu ta' dak il-punt, ir-rata tal-imgħax imġarrba minn dak l-Istat Membru għandha titqies bħala 0 %. Jekk Stat Membru jiddikjara li ma ġarrab l-ebda kost tal-imgħax għax ma kellux prodotti agrikoli fil-ħżin pubbliku matul il-perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi dik ir-rata tal-imgħax f'konformità mat-tielet paragrafu ta' dak il-punt.

(5) Minħabba l-fatt li ma kien hemm l-ebda prodott agrikolu fil-ħżin pubbliku matul il-perjodu ta' referenza ta' sitt xhur li huwa stabbilit għax-xhur ta' Novembru 2020 sa April 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jagħmlu notifiki skont l-ewwel paragrafu tal-punt I.2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 906/2014. Għalhekk, il-Kummissjoni ffissat rata ta' imgħax ta' referenza skont it-tielet paragrafu ta' dak il-punt.

(6) F'konformità mal-punt I.3 tal-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 906/2014, ir-rata tal-imgħax stabbilita abbażi tal-punt I.2 ta' dak l-Anness trid titqabbel mar-rata tal-imgħax uniformi ffissata abbażi tal-punt I.1 ta' dak l-Anness. Ir-rata tal-imgħax applikabbli għal kull Stat Membru trid tkun l-aktar waħda baxxa minn dawn iż-żewġ rati tal-imgħax. Madankollu, għall-fini tar-rimborż tan-nefqa tal-Istati Membri, ir-rati tal-imgħax negattivi ma jistgħux jiġu kkunsidrati.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 906/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-infiq b'intervent pubbliku (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 1).

(7) Ir-rati tal-imgħax applikabbli għas-sena fiskali tal-2022 tal-FAEG għandhom jiġu stabbiliti billi jitqiesu dawk il-fatturi differenti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għan-nefqa marbuta mal-kostijiet ta' finanzjament imġarrba mill-Istati Membri biex jimmobilizzaw il-fondi għax-xiri sfurzat ta' prodotti li għandhom jitħallsu mis-sena fiskali 2022 tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), ir-rati tal-imgħax previsti fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 906/2014 f'konformità mal-Artikolu 3(1)(a) ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu ffissati għal 0 %.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT